L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, l-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum **il-Gimgha 28 ta' Frar, 2020** fil-11:00am fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Jason Azzopardi u Dr. Andrew Borg Cardona ghall-familja.

Deher Dr. Peter Caruana Galizia.

Dehru Dr. Christian Falzon Scerri u Dr. Maurizio Cordina ghall-avukat tal-Istat.

Dehru l-familja ta' Daphne Carauna Galizia.

**Corinne Vella** xehdet bil-lingwa Ingliza u bil-gurament (riprodotta) li pprezentat 2 dokumenti Dok. CVX2 u Dok. CVX3.

**Ray Barbara** xehed bil-Malti u bil-gurament fil-prezenza tal-avukat ta' fiducja tieghu Dr. Jonathan Attard.

Il-bord qieghed jordna divjet fuq l-ismijiet tas-security tal-Prim Ministru Joseph Muscat moghtija mix-xhud Ray Barbara fuq il-mezzi kollha tax-xandir.

**Kenneth Camilleri** xehed bil-Malti u bil-gurament.

Fuq rikors maghmul minn Kurt Farrugia ghal-differiment fis-seduta tat-Tnejn 2 ta’ Marzu 2020 peress illi ser ikun imsiefer, il-Bord jilqa’ t-talba u jirriserva illi javza lill-istess Farrugia bid-data u l-hin meta ghandu jidher quddiemu meta l-istess Bord ikollu informazzjoni meta s-sur Farrugia jirritorna Malta.

Ghalhekk is-seduta pjanata ghat-2 ta’ Marzu ser tigi kkancellata u s-seduta li jmiss hija dik tal-4 ta’ Marzu 2020 fis-02:00pm ghal xhieda li ser jigu ndikati aktar tard.

L-inkjesta qieghda tigi differita ghal nhar l-Erbgha 4 ta’ Marzu 2020 fis-02:00pm.

Margaret De Battista
Deputat Registratur